# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 30 ta` Novembru 2017**

**Kawza Nru. 6**
**Rik. Gur. Nru. 1058/2010 JZM**

**Costantino Muscat f`ismu proprju u bhala prokuratur ta` l-assenti Joseph Muscat ; Catherine mart Publius Farrugia ID190953M, u b`digriet tal-15 ta` Novembru 2017 l-atti tal-kawza f`isem Catherine mart Publius Farrugia gew trasfuzi f`isem Publius Farrugia, Joseph Farrugia u Charles Farrugia, stante l-mewt taghha ; Peter Camilleri ID570355M, Ruth mart Brian John Agius ID519976M ; Janelle Camilleri ID53284M ; Giovanna Mizzi, u b`digriet tal-10 ta` Dicembru 2015 l-atti tal-kawza f`isem Giovanna Mizzi gew trasfuzi f`isem Maria Theresa maghrufa bhala Marthese Mizzi, stante l-mewt taghha ; Mose` Muscat, u b`digriet tal-31 ta` Lulju 2014 l-atti tal-kawza f`isem Mose` Muscat gew trasfuzi f`isem Costantino Muscat, Costanza Cassar, Giovanna Mizzi, Carmela Muscat Camilleri u Charles Muscat, stante l-mewt tieghu ; Mary Anne Muscat ID405153M bhala eredi ta` zewgha Rosario Muscat ; Carmel Muscat, Emanuel Muscat, Costantina sive Connie Cassar ; Maria**

**Carmela Muscat ; Peter Muscat, u b`digriet tal-14 ta` Ottubru 2014 l-atti tal-kawza f`isem Peter Muscat gew trasfuzi f`isem martu Michelina Muscat u uliedu Carmel Muscat, Catherine Zammit, Martina Bugeja, Angela Sciberras, Alfred Muscat, Anna Griscti u Josephine Saliba, stante l-mewt tieghu ; Marguerite Vella f`isimha proprju u bhala prokuratrici ta` l-assenti Carmen Zerafa, Jose Muscat, Angela Mallia, Rose Buhagiar li b`nota tal-11 ta` Ottubru 2011 cediet l-atti tal-kawza, Carmel Muscat, Teresa Muscat li b`nota tal-11 ta` Ottubru 2011 cediet l-atti tal-kawza, Grace Saliba f`isimha proprju u bhala prokuratrici ta` l-assenti Concetta sive Connie Carr li b`nota tal-11 ta` Ottubru 2011 cediet l-atti tal-kawza ; John Muscat, Frances Bianchi, Carmen Muscat, Antonia Muscat, Catherine Muscat, Joseph Muscat, Josephine Schembri, Emanuela Schembri u Rita Theuma ; Publius Farrugia, Mario Farrugia u Joseph Farrugia**

***kontra***

**Nazzareno sive Reno Muscat bil-karta ta` l-identita` numru 93658(M) u Anna Muscat bil-karta ta` l-identita` numru 289657(M), u b`digriet tal-1 ta` Dicembru 2011 gew kjamati in kawza Maria Concetta sive` Cettina Carr, Mary Rose sive` Rose Buhagiar u Therese Muscat**

**Il-Qorti :**

**Dan huwa provvediment <u>finali</u> dwar rikors li pprezentaw il-konvenuti Nazzareno sive` Reno u Anna konjugi Muscat fid-9 ta` Jannar 2017 (fol 644 u 645).**

**<u>Preliminari</u>**

Rat illi fir-rikors taghhom, il-konvenuti konjugi Muscat, ghar-ragunijiet hemm indikati, talbu lil din il-Qorti sabiex tieqaf u tissoprasjedi milli tkompli tisma` din il-kawza, sakemm ikun hemm maghruf l-ezitu tal-kawza fl-ismijiet *Nazzareno Muscat et vs L-Avukat Generali (Rik Nru 101/2016 MH)* pendenti quddiem din il-Qorti (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali).

Rat id-digriet li tat fis-16 ta` Jannar 2017 (fol 646).

Rat ir-risposta li pprezentaw l-atturi fl-20 ta` Jannar 2017 (fol 647 u 648).

Rat id-digriet illi tat fis-7 ta` Frar 2017 (fol 650 u 651) fejn ipprovdiet fis-sens illi kienet sejra tipprovdi <u>ulterjorment</u> dwar it-talba tal-konvenuti konjugi Muscat <u>wara</u> li tkun intemmet l-eskussjoni tal-perit tekniku, <u>wara</u> li tkun intemmet it-trattazzjoni finali tal-kawza, u <u>qabel</u> il-kawza tithalla ghas-sentenza dwar il-mertu.

Rat il-verbali tal-udjenzi tas-27 ta` Frar 2017 (fol 652) u tat-30 ta` Marzu 2017 (fol 666).

Rat illi fl-udjenza tat-3 ta` Lulju 2017 il-konvenuti konjugi Muscat talbu sabiex f`dak l-istadju tal-kawza ma jipprezentawx nota ta` osservazzjonijiet u sabiex il-Qorti tipprovdi dwar is-soprasessjoni taghha in vista tal-kawza kostituzzjonali.

Rat illi l-atturi rimettew ruhhom ghal din it-talba.

Rat illi t-talba tal-konvenuti konjugi Muscat li saret fl-udjenza tat-3 ta` Lulju 2017 kienet milqugha.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghal provvediment <u>finali</u> dwar ir-rikors tal-istess konvenuti tad-9 ta` Jannar 2017.

**<u>Gurisprudenza</u>**

Illi l-gurisprudenza tal-qrati taghna hija konkordi fis-sens illi s-soprasessjoni hija rimedju eccezzjonali peress li jiffrena kawza u jzommha milli tkun deciza bi speditezza fi zmien ragjonevoli. (ara : **Dott. Alfred Mifsud v. Onor. Prim Ministru** - Qorti Kostituzzjonali - deciza fl-20 ta` Lulju 1994).

Illi din il-Qorti tikkondividi l-principju li s-soprasessjoni huwa rimedju straordinarju li ghandu jigi applikat biss fejn ikun necessarju fl-interess tal-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja (**Kollez Vol XLI.I.507** ; u Qorti Kostituzzjonali – "**Lawrence Cuschieri vs Onor Prim` Ministru**" – 12 ta` Awissu 1994).

Illi provvediment dwar soprasessjoni huwa mholli ghal kollox fid-diskrezzjoni tal-Qorti (ara : Appell Civili : 23 ta` Gunju 1869 : **German et vs Scicluna et** : Kollez. Vol.V.157) ; Prim`Awla tal-Qorti Civili : 23 ta` Jannar 1946 : **Bugeja vs Zammit** : Kollez. Vol. XXXII.ii.197 ; Appell Kummercjali : 26 ta` Marzu 1984 : **Dr. Leslie Grech noe vs Dr. Emanuel Buttigieg et noe**).

Illi provvediment dwar sorprasessjoni jitqies ta` natura interlokutorja u allura ma jorbotx lill-qorti li tkun tat dak il-provvediment jekk tinsorgi l-htiega li tibdel il-fehma taghha aktar `il quddiem, jekk tintwera raguni tajba biex dan isir (ara : Appell Civili : 22 ta` Mejju 1989 : **Mallia et vs Bezzina et** : Kollez. Vol. LXXIII.ii.338).

Illi l-qrati taghna accettaw illi jakkordaw is-soprasessjoni ta` kawza jew ta` procediment meta s-soprasessjoni tkun spedjenti. Kazi bhal dawn kienu : Kollez. Vol. XXXIX.I.467, Appell Civili, "**Cassar vs Xuereb**" tat-12 ta` Marzu 1973, fejn inqalghet kwistjoni li d-decizjoni kienet tinfluwixxi sostanzjalment fuq l-ezitu ta` kawza ; fejn ikun irid jigi deciz punt li minnu tiddependi necessarjament il-kontinwazzjoni tal-kawza li tigi soprasseduta (ara : **Joseph Gaffarena et vs Mixer Concrete Works Limited et** : Prim`Awla tal-Qorti Civili : 27 ta` Mejju 2005 ; u **Azzopardi vs Critien pro et noe** : Prim`Awla tal-Qorti Civili : 12 ta` April 1962)

Illi fis-sentenza taghha tal-5 ta` Ottubru 1981 fil-kawza "**Degaetano vs Galea et noe**", il-Qorti tal-Appell qalet hekk :

> *"Is-soprasessjoni hemm lok ghaliha meta l-ezitu tal-kawza li tigi soprasseduta jkun jiddependi jew almenu jkun jista` jiddependi mill-ezitu ta` kawza ohra, u ghalhekk ma jistax ikun hemm lok ghas-soprasessjoni jekk ma tezistix din id-dipendenza jew almenu l-potenzjalita` ta` din id-dipendenza*".

Illi l-ezercizzju tad-diskrezzjoni mitluba mill-gudikant tiddependi mic-cirkostanzi partikolari u specjali ta` kull kaz.

Illi l-qrati taghna rritenew illi qorti m`ghandhiex tordna s-soprasessjoni jekk il-parti l-ohra tkun sejra tbati pregudizzju. ( ara : **Amber Properties Limited vs Central Holidays (Travel Agents and Organisers) Limited :** Prim`Awla tal-Qorti Civili : 25 ta` Marzu 2013).

Illi b`zieda mal-premess, tajjeb jinghad illi s-soprasessjoni tista` tigi sollevata *ex officio*.

Illi fis-sentenza **Gatt v. Debono et** deciza fit-2 ta` Frar 1990, din il-Qorti diversament ippreseduta qalet hekk :-

> "*Kull meta l-ligi tobbliga lill-Qorti li tissolleva l-kwistjonijiet ta` ordni pubbliku li jirrigwardaw generalment id-dritt procedurali jew organizattiv, dawn ikunu diga` car (sic) bizejjed biex jigu infatti hekk sollevati u jkun diga` fuori discussione.*".

Illi din il-Qorti diversament ippreseduta fil-provvediment illi tat fil-5 ta` Ottubru 2017 fil-kaz ta` **Joseph Attard et vs Mario Attard** et ma kenitx_sabet illi l-eccezzjoni ta` *lis alibi pendens* kienet fondata izda sabet illi l-esitu ta` dik il-kawza kien jiddependi mill-esitu ta` kwistjoni li kienet pendent quddiem il-Qorti tal-Appell. Saret riferenza ghas-sentenza ta` din il-Qorti tal-21 ta` Jannar 2016 fil-kawza **John Debono et vs Mario Buhagiar et**, fejn inghad hekk :-

> *"Ghal bosta snin, il-qrati taghna sabu li t-twaqqif ta` smigh ta` kawza biex tistenna l-ezitu ta` kawza ohra li diga` tressqet jew sakemm titressaq wahda fuq punt eccezzjonali huwa rakkomandat biss fil-*

> *kaz meta jkun hemm lok ghas-soluzzjoni ta` xi punt li minnu bilfors tiddependi l-kawza li sejra titwaqqaf".*

Illi dik il-Qorti cahdet l-eccezzjoni ta` *lis alibi pendens* izda fl-istess waqt *ex officio* ordnat is-sospensjoni tal-prosediment pendenti l-ezitu finali tal-kawza li kienet pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell,

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

Illi skont l-atturi, il-procedura korretta li kellhom isegwu l-konvenuti ma kellhiex tkun illi jressqu talba ghal soprasessjoni ta` din il-kawza quddiem din il-Qorti stess, izda kellhom jitolbu l-hrug ta` *interim order* mill-Qorti ta` Gurisdizzjoni Kostituzzjonali fejn jitolbu s-soprasessjoni ta` din il-kawza

Illi l-fehma tal-atturi mhijiex kondivisa minn din il-Qorti.

Tghid dan ghaliex ghalkemm is-soprasessjoni tibqa` in linea generali mizura ta` natura eccezzjonali li l-ghoti taghha tistrieh fid-diskrezzjoni shiha tal-qorti li ghandha tqis it-talba skont il-fatti u c-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-eccezzjonalita` fl-ghoti ta` *interim order* minn qorti ta` gurisdizzjoni kostituzzjonali tmur ben oltre dak li jista` jsir minn qorti ta` gurisdizzjoni ordinarja.

Il-qorti tirreferi ghall-"**<u>Factsheet - Interim measures</u>**" tal-ECHR ghal Jannar 2013 fejn wara li ssir riferenza ghar-Rule 39 tar-Rules of Court tal-ECHR tghid illi :

*Interim measures are urgent measures which, according to the Court's well-established practice, apply only where there is an imminent risk of irreparable harm. Such measures are decided in connection with proceedings before the Court without prejudging any subsequent decisions on the admissibility or merits of the case in question. In the majority of cases, the applicant requests the suspension of an expulsion or an extradition. The Court grants such requests for an interim measure only on an exceptional basis, when the applicant would otherwise face a real risk of serious and irreversible harm …*

*In practice, interim measures are applied only in a limited number of areas and most concern expulsion and extradition. They usually consist in a suspension of the applicant's expulsion or extradition for as long as the application is being examined. The most typical cases are those where, if the expulsion or extradition takes place, the applicants would fear for their lives (thus engaging Article 2 of the Convention) or would face ill-treatment prohibited by Article 3 (prohibition of torture or inhuman or degrading treatment). More exceptionally, such measures may be indicated in response to certain requests concerning the right to a fair hearing (Article 6 § 1) and the right to respect for private and family life (Article 8).*

Skont il-*Factsheet, interim measure* tinghata biss fil-kazi fejn tirrizulta *an imminent risk of irreparable harm*. Eccezzjonalment mizura ta` din ix-xorta tigi applikata biss fil-kaz ta` allegati vjolazzjonijiet tal-Art 6 u tal-Art 8 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali.

Fil-pag 20 et seq tal-ktieb "**<u>A Practitioner`s Guide to the European Convention on Human Rights</u>**" (4th Edition – Sweet & Maxwell) Karen Reid izzid id-doza tas-sinjifikat reali ta` *an imminent risk of irreparable harm* meta tghid :-

*As a general practice, measures* (riferibbilment ghal interim relief) *are applied only where there is <u>an apparent real and imminent risk of irreparable harm to life and limb</u> … While the procedure has been invoked in respect of other types of cases e.g. adoption of children, which may be arguably be of an irreparable nature, r.39* (riferibbilment ghar-Rule 39 tar-Rules of Court tal-ECHR) *has not been applied save in a few exceptional cases.*

Fil-pag 113 et seq tal-ktieb "**<u>Theory and Practice of the European Convention on Human Rights</u>**" (Raba` Edizzjoni – 2006 - Intersentia) l-awturi van Dijk, van Hoof, van Rijn u Zwaak, ighidu –

*… it is only in cases of extreme urgency that interim measures are indicated : the facts must prima facie point to a violation of the Convention, **<u>and</u>** the omission to take the proposed measures must result or threaten to result in irreparable injury to certain vital interests of the parties or the progress of the examination.*

Illi tenut kont tal-premess, din il-qorti ma tarax illi qorti ta` gurisdizzjoni kostituzzjonali kienet sejra taghti *interim order* fis-sens illi kienet sejra tordna s-sorprasessjoni tal-kawza tal-lum tenut kont tal-fatti u cirkostanzi tal-kaz tal-lum.

Illi dan premess din il-qorti hija tal-fehma li ghandha tkun hi li tipprovdi dwar is-sorprasessjoni tal-kawza, u mhux tabdika lil qorti ohra dik ir-responsabilita`.

Illi din il-qorti hija tal-fehma l-kawza tal-lum ghandha tibqa` sospiza sakemm tkun trattata u deciza finalment il-kawza kostituzzjonali fl-ismijiet *Nazzareno Muscat et vs L-Avukat Generali (Rik Nru 101/2016 MH).*

Illi din il-qorti tghid dan ghaliex hija l-fehma konsiderata taghha illi d-decizjoni fil-kawza kostituzzjonali fuq riferita tincidi direttament fuq jekk il-kawza tal-lum ghandhiex tkun deciza mill-Imhallef sedenti nkella le.

Illi din il-qorti ghandha mohhha mistrieh illi bis-soprasessjoni ta` din il-kawza mhux se jkun hemm tfixkil ghall-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja billi, qabel l-ghoti tal-provvediment tal-lum, assikurat illi jinghalaq il-gbir tal-provi tal-partijiet, u sahansitra beda l-istadju tat-trattazzjoni finali tal-kawza, bil-presentata tan-nota ta` osservazzjonijiet tal-atturi. Infatti sabiex tinghata sentenza fil-kawza tal-lum jonqos biss il-presentata ta` nota ta` osservazzjonijiet da parti tal-konvenuti u jekk ikun il-kaz sottomissjonijiet ulterjuri bil-fomm.

Illi tenut kont ta` dan kollu, soprasessjoni ta` din il-kawza fil-parametri fuq spjegati m`ghandhiex tkun ta` pregudizzju ghall-atturi ghaliex kif diga` nghad il-qorti stess hadet il-mizuri kollha li tippermetti l-ligi sabiex fl-esercizzju tad-diskrezzjoni taghha tipprevjeni kull tentattiv ta` abbuz tal-procedura.

**<u>Provvediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tipprovdi finalment dwar it-talba tal-konvenuti konjugi Muscat skont ir-rikors taghhom tad-9 ta` Jannar 2017, billi qeghda thalli l-kawza tal-lum**

***sine die*** **riappuntabbli, kif irid l-Art 964 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta, b`effett mid-data li fiha l-kawza fl-ismijiet *Nazzareno Muscat et vs L-Avukat Generali (Rikors Numru 101/2016 MH)* tghaddi in gudikat.**

**L-ispejjez jibqghu riservati ghall-gudizzju finali.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**